**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 142/2007**

**Illum: 14 ta' Dicembru 2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adrian Marmara**
**(ID 469376(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Adrian Marmara ta' 30 sena, iben James u Carmen xebba Spiteri, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Awwissu 1976, residenti gewwa 'Loujo', Flat 1, Triq Herbert Ganado, Pieta` u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 469376(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-25 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni, fis-seduta tas-26 ta' April 2017, tiddikjara li kienet qeghda tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti, fil-waqt illi minkejja illi fl-istess seduta, id-difiza talbet li taghmel sottomissjonijiet bil-miktub, sal-lum – ossia d-data li ghaliha giet differita din il-kawza ghas-sentenza – din baqghet ma gietx intavolata.

**Ikunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex ikkontestati kienu s-segwenti: Nhar it-22 ta' Frar 2007 ghall-habta tat-3:00p.m, Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PC 1220 Chris Baldacchino, PS 1355 Cleon Purshouse u PS 579 Antoine Micallef, ghamlu tfittxija gewwa l-fond li fih kien jirrisjedi l-imputat odjern, f'liema waqt kien hemm l-istess imputat flimkien ma' tliet guvintur ohrajn u hemmhekk, fuq il-bejt tal-istess residenza, sabu tliet pjanti tal-*cannabis.* Gewwa r-residenza nstabu tliet bicciet raza tal-*cannabis*, tlett boroz b'sustanza *cannabis grass* u flus kontanti fl-ammont ta' elf, tliet mija, hamsa u erbghin liri Maltin (Lm1,345), liema flus nstabu fil-kamra tas-sodda gewwa kaxxa hamra, bhal *safety box* zghira. Jirrizulta illi bicca raza tal-*cannabis* u zewg boroz zghar bil-*cannabis*

*grass* instabu fuq speci ta' komodina fil-kcina, fuq il-mejda tal-kcina, f'kaxxa blu, instabu bicca raza u borza bil-*cannabis grass*, fil-waqt illi l-bicca raza l-ohra nstabet fit-*toilet* tar-residenza. Instabu wkoll xi *roaches* fl-iskart.[1]

L-imputat u t-tliet guvintur l-ohra gew arrestati, u l-ghada fit-23 ta' Frar 2007, l-imputat irrilaxxja stqarrija[2]. Huwa ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[3]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[4] jirrizulta illi dakinhar tal-arrest tal-imputat ossia fit-22 ta' Frar 2007, ghall-habta tal-16:20, huwa acceda gewwa l-fond numru 1, Loujo, Triq Herbert Ganado, Pieta`, fejn gie muri mill-ufficjali tal-pulizija prezenti, tliet pjanti gewwa tliet kontenituri bil-hamrija. Dawn il-pjanti gew elevati mill-istess espert. L-espert inghata wkoll zewg boroz tal-plastik li kien fihom xi sustanza suspettata droga u xi oggetti relatati mal-uzu tad-droga minghand PS 1355 Cleon Purshouse. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi l-espert forensiku eleva s-segwenti dokumenti:

1. Borza tal-plastik trasparenti li fiha mus u bicca karta – Kodici tal-Esebit: 146_07_01;

2. Borza tal-plastik trasparenti li fiha: (1) 5 pakketti ta' lewn griz ta' Rizla + *Rolling Paper*; (2) 3 bicciet tal-plastik trasparenti maghluqin b'ghoqda u li fihom weraq niexef; (3) borza tal-plastik trasparenti li fiha 3 sustanzi ta' lewn kannella; (4) kaxxa zghira ta' l-injam li fiha (i) *toothpick* (ii) bicca plastik trasparenti li kienet maghluqa b'ghoqda u li kien fiha 3 zerriegha u (iii) kien fiha 2 zerriegha; (5) borza tal-plastik trasparenti li fiha 6 bicciet tas-sigaretti tal-karti u (6) kaxxa tal-plastik tonda ta' lewn blu – Kodici tal-Esebit: 146_07_02;

3. Il-weraq niexef tal-pjanta li kienet twila 1m – Kodici tal-Esebit: 146_07_03A;

4. Iz-zkuk u l-gheruq tal-pjanta li kienet twila 1m – Kodici tal-Esebit: 146_07_03B;

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino (a fol. 11 sa 13 tal-process), ix-xhieda ta' PS 1355 Cleon Purshouse (a fol. 14 sa 17 tal-process) u x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 18 u 19 tal-process).
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 9 u 10 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-imputat a fol. 36 sa 41 tal-process.
[4] Din tinsab esebita a fol. 7 *et seq* tal-atti tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 23 tal-process.

5. Il-weraq niexef tal-pjanta li kienet twila 20cm – Kodici tal-Esbit: 146_07_04A;

6. Iz-zkuk u l-gheruq tal-pjanta li kienet twila 20cm – Kodici tal-Esebit: 146_07_04B;

7. Il-weraq niexef tal-pjanta li kienet twila 18cm – Kodici tal-Esebit: 146_07_05A;

8. Iz-zkuk u l-gheruq tal-pjanta li kienet twila 18cm – Kodici tal-Esebit: 146_07_05B.

L-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dawn id-dokumenti:

a) Il-pjanti kienu kollha tal-*cannabis sativa* u wahda kienet *sinsemilla*.

b) Fuq il-pjanti kollha instabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta *cannabis*.

c) Il-pjanti li kien hemm fil-fond in kwistjoni u fid-dokumenti 146_07_03A sa 146_07_05A u l-weraq niexef ta' lewn ahdar fid-dokument 146_07_02, f'ammont net totali ta' <u>29.24 grammi</u> minghajr gheruq u zkuk, kienu dawk tal-*cannabis*. Il-pjanta tal-*cannabis* ikun fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, kif instab fid-dokumenti li gew analizzati ossia d-dokumenti 146_07_03A sa 146_07_05A u l-weraq niexef ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 146_07_02.

d) Minn *swab* mehudha mill-mus fid-dokument 146_07_01 ma nstabitx droga.

e) Minn *swab* mehuda mill-kaxxa ta' lewn blu fid-dokument 146_07_02 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.

f) Minn estratti mehuda mill-bicciet tas-sigaretti tal-karti li hemm fid-dokument 146_07_02 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.

g) Fuq estratti mehuda mit-tliet sustanzi ta' lewn kannella fid-dokument 146_07_02 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tas-sustanzi kien ta' <u>7.96 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 12%.

h) Wahda mill-hames zerriegha li hemm fid-dokument 146_07_02 tat rizultat posittiv ghall-germinazzjoni.[5]

Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi l-bicciet tar-raza tal-*cannabis* kellhom is-segwenti pizijiet rispettivi: 1.10 grammi, 0.69 grammi u 6.17 grammi. It-tliet boroz bil-weraq tal-*cannabis* kellhom is-segwenti pizijiet: 0.65 grammi, 0.33 grammi u 0.18 grammi rispettivament, fil-waqt illi l-pizijiet tal-weraq tal-pjanti, minghajr iz-zkuk u l-gheruq, kienu s-segwenti: 26.87 grammi, 0.83 grammi u 0.38 grammi rispettivament.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat jinsab akkuzat talli kkoltiva l-pjanta *cannabis* u dan b'referenza ghat-22 ta' Frar 2007 u x-xhur ta' qabel din id-data.

M'hemmx dubju illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fir-residenza tal-imputat u specifikatament fuq il-bejt tal-istess residenza, instabu tliet pjanti *cannabis*, wahda ta' cirka metru fit-tul, ohra ta' cirka ghoxrin centimetru u ohra ta' cirka tmintax-il centimetru.[6] Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jikkonferma li dawn il-pjanti kienu tieghu u li kien kabbarhom fuq il-bejt tar-residenza ghall-uzu personali tieghu.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbaghad, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis.*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia*

---

[5] Jirrizulta mill-istess relazzjoni illi z-zerriegha kollha ntuzaw ghal fini ta' analizi u ezamijiet ta' germinazzjoni (ara a fol. 13 tal-process verbal).

[6] Ara r-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PS 171 Karl Glanville, esebita a fol. 61 *et seq* tal-process verbal.

*cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen Abela</u>**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Jirrizulta mill-provi prodotti, illi apparti s-sejba tal-pjanti tal-*cannabis* fuq il-bejt tar-residenza tal-imputat, fl-istess residenza nstabu wkoll tliet bicciet tal-plastik trasparenti maghluqin b'ghoqda li kien fihom weraq niexef, li rrizulta li kien weraq tal-*cannabis*, kif ukoll tliet bicciet raza tal-*cannabis.* Dwar dawn, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jammetti li kienu tieghu u jispjega illi kienu ghall-uzu personali tieghu. Dwar il-pjanti, huwa jghid illi dawn kien kabbarhom biex ipejjiphom ghaliex kien xeba' jonfoq flus biex jixtri l-*cannabis.* L-imputat

jghid ukoll illi dak iz-zmien huwa kellu l-vizzju tal-*cannabis* u kien *heavy user* tant li kien ipejjep xi tnax jew tlettax-il *joint* kuljum u gieli anke izjed minn hekk. Jispjega li minn dak iz-zmien, huwa fittex l-ghajnuna fi hdan l-Agenzija Caritas, segwa kors ta' rijabilitazzjoni u gradwa u rnexxielu johrog mill-vizzju tal-*cannabis.* L-imputat jghid ukoll illi l-guvintur li kienu fir-residenza tieghu meta gie arrestat, kienu marru ghandu sabiex jilaghbu bil-*playstation*, ghaliex kien ser isir xi *tournament* u ghalhekk kienu jmorru ghandu sabiex jittrenjaw. Matul ix-xhieda tieghu, huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu l-ghada tal-arrest tieghu. Jispjega wkoll fix-xhieda tieghu, illi huwa dak iz-zmien kien jahdem u illi l-flus li nstabu fir-residenza kienu flus tat-tfajla tieghu. Jghid illi l-paga tat-tfajla kienu jgemmghuha, fil-waqt illi kienu jghaddu bil-paga tieghu.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi anke meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu *a tempo vergine*, l-imputat kien stqarr mal-pulizija li huwa kien *heavy user* u li kemm il-pjanti, kif ukoll is-sustanzi misjuba fir-residenza kienu lkoll ghall-uzu tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi apparti l-pjanti u s-sustanzi msemmija, fir-residenza tal-imputat instabu hames pakketti tar-Rizla bil-karti tal-brim, kif ukoll diversi *roaches* jew, kif deskritti mill-espert forensiku fir-relazzjoni tieghu, sitt bicciet tas-sigaretti tal-karti, kif ukoll *grinder* jew, kif indikat fir-relazzjoni tal-istess espert forensiku, kaxxa tal-plastik tonda ta' lewn blu. Dawn jidhru b'mod car fir-ritratt immarkat 07 AKX 112 fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 171 Karl Glanville.[7] Skont ir-relazzjoni tal-espert Sammut, kemm minn *swab* mehuda mill-imsemmi *grinder*, kif ukoll minn estratti mehuda mill-bicciet tas-sigaretti tal-karti, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Fil-fehma tal-Qorti, is-sejba ta' dawn l-oggetti appena msemmija hija indikazzjoni cara illi l-imputat verament kien jaghmel uzu mill-*cannabis* u ghalhekk tikkorrobora din il-parti tal-verzjoni tieghu.

Il-Qorti tinnota wkoll in oltre illi apparti l-pjanti, kemm il-pizijiet rispettivi tat-tliet boroz tal-plastik bil-weraq tal-*cannabis*, kif ukoll tat-tliet bicciet tar-raza tal-*cannabis*, kienu pjuttost diversi minn xulxin. Tinnota wkoll illi l-pizijiet tal-bicciet tar-raza, liema bicciet jidhru fir-ritratt immarkat 07 AKX 112, fuq imsemmi, jikkorroboraw dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu fir-rigward ta' din is-sustanza ossia illi huwa kien jixtri bicca daqs kaxxa tas-sulfarini u gholja daqs nofs centimetru u li fil-jum ta' qabel, huwa farrak bicca raza sabiex idawwar *joint.* Proprjament l-imputat lanqas ma huwa qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, izda biss tal-pjanta u dan x'aktarx fid-dawl tas-sejba tal-pjanti tal-*cannabis*, izda l-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni wkoll is-sejba tar-raza f'din il-parti tal-kunsiderazzjonijiet taghha, kemm ghal fini ta' kredibilita` tal-imputat li

[7] Din tinsab esebita a fol. 61 tal-process verbal.

titfa' dawl ukoll fuq il-kredibilita` tieghu b'mod generali, kif ukoll fid-dawl tal-verzjoni tieghu li huwa kien jaghmel uzu sostanzjali mill-*cannabis*.

Dwar l-uzu tal-*cannabis* da parti tal-imputat, xehdet ukoll Jean Cali`, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas[8], li tispjega illi l-imputat kien ilu jattendi gewwa l-Agenzija Caritas ghall-perjodu ta' sena u nofs u li meta beda jattendi gewwa l-istess Agenzija, huwa kien *heavy user* tal-*cannabis*. Tghid ukoll illi fiz-zmien tax-xhieda taghha ossia fit-30 ta' Jannar 2009, l-imputat baqa' jattendi ghal sessjonijiet ta' *after care*, kemm individwalment kif ukoll fi gruppi darbtejn fil-gimgha, li kien sejjer tajjeb u li gradwa f'Gunju tas-sena 2008. Tghid ukoll illi t-testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti u l-imputat baqa' jzomm il-boghod mid-droga. Din ix-xhieda ghalhekk tikkonferma u tikkorrobora l-verzjoni tal-imputat illi huwa kellu vizzju serju tal-*cannabis*. Dan tghidu wkoll Kelly Mangion, li fiz-zmien tal-kaz odjern kellha relazzjoni mal-imputat u kienet ukoll tghix mieghu, u dan fis-sens illi hija tikkonferma illi l-imputat kellu problema ta' droga, li din kienet problema kbira hafna ossia illi l-imputat kellu l-vizzju u li fiz-zmien tax-xhieda taghha, li nghatat fit-28 ta' Mejju 2010, l-imputat kien *clean*.[9]

Minkejja s-sejba tas-sustanzi msemmija fil-pussess tal-imputat, inkluz ta' tliet pjanti tal-*cannabis* u b'mod partikolari pjanta li ma jistax jinghad li kienet wahda zghira, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sal-grad tal-probabbli, illi tali sustanzi u pjanti, kienu ntizi esklussivament ghall-uzu personali tal-imputat. Apparti l-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, il-Qorti zzid ukoll illi ma nstab xejn, fl-imsemmija residenza, apparti s-sustanzi u l-pjanti msemmija, li jindikaw illi l-pussess tal-istess ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Hekk per ezempju, la nstabu mwiezen, la nstabu xi boroz tal-plastik jew *foil* imqatta' li fihom normalment tinbiegh id-droga u lanqas ma nstabu xi notamenti li jistghu jindikaw bejgh ta' droga da parti tal-imputat. In oltre ghalkemm fir-residenza nstabet is-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u erbghin liri Maltin fi flus kontanti, fix-xhieda tieghu, l-imputat jispjega illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kellu mpjieg fiss u li l-flus misjuba kienu gejjin mill-paga tat-tfajla tieghu, liema paga kienu jwarrbuha, fil-waqt illi kienu jghaddu bis-salarju tieghu. Dwar dan, il-Qorti tinnota illi *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu, liema stqarrija kif inghad, l-imputat ikkonfermaha bil-gurament fix-xhieda tieghu, l-imputat ukoll kien ta din l-ispjegazzjoni dwar l-imsemmija flus u dan fis-sens illi dawn il-flus "*kienu mwarrbin mill-paga tat-tfajla peress li konna nghaddu bil-paga tieghi*"[10] u "*dawk*

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 29 sa 31 tal-process.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 43 sa 47 tal-process.
[10] A fol. 9 tal-process.

*huma flus imfaddla mill-paga tat-tfajla. Dawk kienu hemm ghax kont qed infaddal biex nibda xi haga gol-post*"[11]. Anke Kelly Mangion tikkonferma illi dak iz-zmien "*Konna qed nirrangaw il-flat u iva kelli flus id-dar*"[12], illi kellha xi Lm1,400, li dawn il-flus kienu taghha u li kienet izzommhom fil-kexxun taghha fejn is-sodda. Dwar dan, kemm PS 1355 Cleon Purshouse, kif ukoll PS 579 Antoine Micallef jixhdu illi dawn il-flejjes instabu fil-kamra tas-sodda tar-residenza. L-istess Kelly Mangion tinnega illi dawn il-flus inghataw lilha mill-imputat u tghid illi dak iz-zmien hija kienet tahdem gewwa *Tower Supermarket.* F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi ma ngabet l-ebda prova li tikkontradici din ix-xhieda tal-imputat u ta' Kelly Mangion u illi m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi li din is-somma kienet gejja mill-bejgh tad-droga.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, b'dan illi jirrizulta pruvat il-pussess tal-pjanta *cannabis* ghall-uzu personali, reat dan li huwa kompriz u nvolut fir-reat ta' pussess aggravat.

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u> l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ta' pussess (semplici) tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*. Kif jirrizulta mix-xhieda fuq indikata u anke mill-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti izjed 'il fuq, din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Finalment permezz tar-<u>raba' imputazzjoni</u>, l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza ossia l-aggravju kkontemplat fil-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2008, id-difiza ddikjarat illi, minghajr pregudizzju dwar il-htija o meno tal-imputat, il-post fejn instabu l-pjanti in kwistjoni, jinsab f'distanza ta' mitt metru minn skola, *club* jew post fejn jiltaqghu z-zghazagh. Il-Qorti tqis illi fil-waqt li ghall-fini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-koltivazzjoni taqa' fid-definizzjoni legali ta' traffikar ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-istess Kapitolu u ghaldaqstant il-ligi tesigi illi l-Qorti tapplika piena tassattiva ta' prigunerija effettiva, tenut kont tal-fatt illi f'dan il-kaz mhumiex applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, biss kif inghad izjed 'il fuq, il-Qorti tqis ukoll illi fil-kaz odjern, tali koltivazzjoni kienet intiza purament ghall-uzu personali tal-imputat, tant illi mhijiex issib htija tar-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis*, izda sempliciment ta' pussess tal-pjanta ghall-uzu personali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tikkunsidra wkoll illi l-aggravju tad-distanza huwa intiz sabiex jippunixxi b'mod izjed sever lil min jiffacilita l-access ghad-droga liz-zghazagh – persuni li f'dan il-

[11] A fol. 10 tal-process.
[12] A fol. 44 tal-process.

kuntest il-ligi tqishom bhala vulnerabbli - jew jinqeda minn certu akkwati, li fihom normalment jiltaqghu z-zghazagh, sabiex jiffacilita ghalih il-provvista tad-droga lil terzi u jirrendi dik l-attivita`, diga` minnha nnifisha tant perikoluza, perikoluza b'mod specifiku ghaz-zghazagh, ghaliex jikkommettiha proprju f'postijiet li ghalihom iz-zghazagh ikollhom access regolari. F'dan il-kaz, madankollu, l-imputat kabbar il-pjanti tal-*cannabis*, ghall-uzu personali tieghu, fir-residenza tieghu u ghalhekk f'post privat, minghajr perikolu ghal terzi persuni u b'mod specifiku ghaz-zghazagh li kienu jiltaqghu fil-vicinanzi u ghalhekk, anke ghaliex kif diga` inghad, il-koltivazzjoni hija meqjusa biss bhala traffikar *ex lege*, il-Qorti ma tqisx illi dan huwa kaz fejn ghandu japplika l-aggravju tad-distanza.

Ghaldaqstant, l-imputat mhuwiex qed jinstab hati tar-raba' imputazzjoni li tikkontempla dan l-aggravju.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Awwissu 2015, mil-liema jirrizulta illi l-unika kundanna kienet dwar ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u li din tirrisali ghas-sena 2000.

Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Ikkunsidrat ukoll illi fil-pussess tal-imputat instabu tliet pjanti *cannabis*, b'tul ta' cirka metru, ghoxrin centimetru u tmintax-il centimetru rispettivament, kif ukoll il-piz tal-weraq tal-istess pjanti (eskluzi l-eghruq u z-zkuk) u tas-sustanzi wkoll misjuba fil-pussess tieghu u illi f'dan il-kaz mhumiex applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll ghal fini ta' piena, illi l-imputat irrijabilita ruhu kompletament mill-vizzju tad-droga *cannabis*, u kif jirrizulta wkoll mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tieghu, huwa jghix hajja ta' bzulija u ghandu mpjieg regolari.

Finalment, tikkunsidra wkoll illi ghalkemm din il-kawza tirrisali ghas-sena 2007, id-dewmien fil-proceduri kien dovut kompletament ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat, tant illi l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Ottubru 2008.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(c), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) kif dedotta kontra tieghu in kwantu din tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis* u tal-imputazzjoni (d) u qeghda tilliberah minnhom, b'dan illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u in kwantu l-imputazzjoni (b), biss tar-reat ta' pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* u qed tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u ghoxrin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm127.44) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn, sitta u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€296.93) u l-ispejjez relatati mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 171 Karl Glanville ammontanti ghas-somma ta' sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm26) ekwivalenti ghas-somma ta' sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€60.58), b'kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€357.51), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm1,345) esebiti bhala Dokument VA, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga esebiti fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat